# ĠEJJA FESTA OĦRA

Inroddu ħajr lil Alla li kellna l-opportunità li nagħmlu l-pellegrinaġġ bix-xbihat ta' San Pietru u San Pawl, nhar it-Tnejn li għadda, fil-festa liturġika tagħhom. Kien mument ta' ferħ għal kulħadd. Nirringrazzja lil kull min għen biex dan il-pellegrinaġġ isir, speċjalment lill-Arċisqof Charles Scicluna, l-Isqof Mario Grech, il-Ministeru għal Għawdex u l-Pulizija stazzjonata fl-għassa tar-Rabat.



Issa li l-festa għaddiet, nistedinkom biex nagħmlu impenn u fis-skiet noffru t-talb tagħna lill-Ispirtu s-Santu, għall-grupp ta' adolexxenti li se jirċievu s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju, 2020, fis-7 ta' filgħaxija. Dan se jkun mument mill-isbaħ għalina bħala knisja parrokkjali. Min jirċievi l-Griżma jwiegħed u jirċievi qawwa sabiex jgħożż u jgħix il-Vanġelu. Il-festa tal-Griżma se tkun doppja għax huwa l-jum li fih Mons. Isqof Mario Grech iwettaq l-aħħar impenn tiegħu magħna bħala r-ragħaj tad-djoċesi t'Għawdex. Il-Bibbja tgħallimna li l-bniedem għandu jrodd ħajr, ikollu fih l-Ispirtu ta' ringrazzjament. Nirringrazzjaw lill-Isqof Mario għas-servizz li ta matul l-14-il sena tiegħu bħala ragħaj tad-djoċesi.

Nhar l-Erbgħa li ġej, jaħbat it-**tmienja tax-xahar.** Naħseb li għadkom tiftakru li għandna impenn mal-Madonna biex kull 8 tax-xahar ngħidu rużarju jew posta rużarju fil-familja. Ippruvaw inġabru nhar l-Erbgħa u offru din it-talba Marjana għat-tfal tal-Griżma ta' din is-sena u għall-Isqof Mario.

***L-Arċipriet***

## *EKOLOĠIJA*

**Il-fekruna tar-Ramla**
Bħalissa fir-Ramla għandna bejta bajd tal-fekruna msejħa l-komuni. Il-bajd għandu jfaqqas f'xi jum matul dan ix-xahar ta' Lulju. Xħin joħorġu l-fkieren żgħar u jmorru għal ġol-baħar, inkunu nistgħu ngħidu li għamilna pass 'il quddiem fl-għarfien ta' kif għandna ngħixu f'sintonija u rispett lejn il-ħolqien li tana Alla.

**MARATONA:** F'dan is-Sibt 4 ta' Lulju, fuq it-televixin se tixxandar maratona organizzata mill-Uffiċċju Missjunarju. Ħudu sehem. Navżawkom li se jixxandar messaġġ minn Dun Raymond Portelli u ieħor minn Dun Anton Grech.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA:** jixtieq javża li kull nhar ta' Erbgħa, mit-8 ta' Lulju se jibda jorganizza tombla kbira quddiem il-każin tal-Banda. Ħin fit-8.00pm.

**Il-GRUPP DUN FRANĠISK GRIMA:** qed jorganzza BBQ nhar il-Ħamis 9 ta' Lulju , fis-7.00pm, fil-bitħa tal-Mużew Marittimu. Hemm tisqifa kontra x-xemx u tkunu tistgħu titgħaxxqu bil-kant u mużika ta' Spiru Cauchi, fuq l-accordion. Żammejna l-prezz bħas-soltu: €10. Il-biljetti tistgħu tixtruhom mingħand Tonina jew Ġuża Sammut. Ikun possibbli li żżommu s-social distancing.

**IĊ-ĊENTRU TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:** se jorganizza tombla nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju fis-7.30pm quddiem iċ-Ċentru stess bħala fundraising sabiex ikun jista' jitkompla x-xogħol fuq il-bini l-ġdid taċ-ċentru u t-tagħmir tiegħu. Se jkun hemm ukoll xi spot prizes x'jintrebħu.

## GRAZZI!

Nirringrazzjaw lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom fil-festa u nixtieq inrodd ħajr lil dawk li minn xħin qalulna li se nkunu nistgħu nagħmlu l-pellegrinaġġ, taw servizzi fl-aħħar sigħat. Nirreferi b'mod partikulari għal min offra servizzi tad-dawl, il-banda, reffiegħa, forċini, organizzaturi tal-itinerarju tal-pellegrinaġġ u l-kordinazzjoni ma' tan-nar.
Nirringrazzjaw ukoll lil dawk kollha li waqt il-pelleġrinaġġ tad-29 tax-xahar, għamlu l-offerta għall-knisja. Il-**ġabra** kienet ta' €1543. Grazzi lil Charlie Xuereb u lil Joe Said li ħarġu jiġbru.